SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV

Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 12/KA1/11

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 20/06/'11 12**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 20/06/'11 14**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2011.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, f'l-12.00 p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Skużat: Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca

1.05 Assenti: Il-Membru Carmel Aguis

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

### 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba

### 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-15 ta' Ġunju 2011. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Komunikazzjoni miċ-Chairman
4. Triq Spinola
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 11b/KA1/11 għall-approvazzjoni u ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.02 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 2888 & 2893 | Ittra mingħand is-Sur David Soler rigward surplus funds. |
| 3251 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 55/2011 – Skema ta' finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet tagħhom. |
| P317 | Ittra mingħand it-Transport Malta rigward Un/Loading Bay fi Triq Sant' Andrija San Giljan. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 3251

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 55/2011 – Skema ta' finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet tagħhom. Iċ-Chairman informa lill-Kumitat li fil-ġranet li ġejjin ser jiltaqa' ma' xi persuni biex jingħata xi idejat.

Ġie deċiż li ċ-Chairman jinforma lill-membri tal-Kumitat qabel jiltaqa' ma' dawn il-persuni.

Rif. Nru. P317

2.03 Saret riferenza għall-ittra mingħand it-Transport Malta rigward Un/Loading Bay fi Triq Sant' Andrija San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li Transport Malta tiġi nfurmata li l-Kumitat Amministrattiv joġġezzjona li ssir Un/Loading Bay peress li diġa hemm waħda fil-viċinanzi.

**3 Komunikazzjoni miċ-Chairman**

3.01 Iċ-Chairman għamel riferenza għall-minuti Rif. 09/KA1/11 datati 28 ta' Frar 2011, taqsima 3 paragrafu 3.02 u nforma lill-Kumitat li ma kienx possibbli li tinġabar l-informazzjoni dwar l-iskips li għad fadal ġo Paceville.

3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jsir avviż fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex kull min għandu xi skip fuq il-bankini jew fit-triq jew f'xi post ieħor pubbliku ġewwa Paceville għandu jneħħihom fi żmien ħmistax il-ġurnata minn meta jidher l-avviż. Fin-nuqqas ta' dan ser jitneħħew mill-Kumitat Amministrattiv għas-spejjeż ta' min jirriżulta li jkunu. Kull min jinqabad jarmi l-iskart barra jeħel multa.

3.03 Iċ-Chairman ippropona li mill-fondi tal-Kumitat Amministrattiv jingħataw €500 lill-Kunsill Lokali San Ġiljan bħala parti mill-ispejjeż għall-attivita', Il-Festa ta' Lapsi, li organizza l-Kunsill.

3.04 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

3.06 Is-Sindku Peter Bonello, għan-nom tal-Kunsill, irringrazzja lill-Kumitat.

**4 Triq Spinola**

4.01 Iċ-Chairman ippropona li:-

- tintalab stima mill-MP&DC sabiex isir ir-resurfacing ta' Triq Spinola minn ħdejn Spinola Road kantuniera ma' Vjal Portomaso sa ħdejn id-Dick's Bar. Jekk jirriżulta li l-Kumitat għandu biżżejjed fondi disponibbli jsir ir-resurfacing tagħha.

- Issir talba lil Polidano Bros. sabiex il-Kumitat jiġi nfurmat jekk jaċċettax li jsir ir-resurfacing ta' Triq Spinola bl-istess rati u kundizzjonijiet bħal ma hemm fil-kuntratt tal-PPP.

- Jekk jirriżulta li Polidano Bros. jaċċetta t-talba tal-Kumitat, issir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn jiġi nfurmat li l-Kumitat Amministrattiv lest li jagħmel ir-resurfacing ta' Triq Spinola minn fondi li għandu disponibbli iżda jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment sabiex ix-xogħol ta' din it-triq tiżdied mal-kuntratt tal-PPP.

4.02 Il-membru Joe Oliva ssekondah.

4.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

5.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Iċ-Chairman Richard Scicluna ssekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni għall-Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 83 sa 92 (Ara Appendiċi 'B') flimkien mal-lista provduta mill-Uffiċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.03 Iċ-Chairman issekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.05 Ġie deċiż unanimament li jsir double yellow lines fi Triq Dragunara kollha, jekk hemm l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

6.06 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-1.15p.m.

**Richard Scicluna**
**Chairperson**

25/7/11

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**